# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 127/2004**

**Victoria mart Mario Tabone kemm f'isimha propju kif ukoll ukoll għan-nom ta' ommha Cristina Farrugia, u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2010, l-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Victoria Tabone, Anthony Farrugia u Carmel Farrugia minflok Cristina Farrugiali mietet fil-mori tal-kawża, u ħutha Anthony Farrugia, Michaelangelo Farrugia u Carmel Farrugia li kollha jinsabu msefrin, kif awtorizzati bi prokura markata Dokument A; u Maria mart Joseph Axiaq u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2009 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Frank Axiaq u Dora Cusela kif rappreżentati minn Victoria Tabone**

**vs**

**Joseph Farrugia, u għal kull interess li jista' jkollha martu Elisabeth sive Alice Farrugia**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi Francesco Farrugia missier il-kontendenti u żewġt l-attriċi Cristina Farrugia nee' Cini, miet f'Victoria, Għawdex fl-għaxra (10) ta' Awwissu ta' l-elf disa mija u tmienja u sebgħin (1978) u rregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Emmanuel G. Cefai tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978), li permezz tiegħu ħalla lil martu l-attriċi Cristina Farrugia, l-użufrutt ta' ħwejjġu kollha preżenti u futuri, u nnomina bħala

eredi universali tieħgu lil sitt uliedu l-bqija tal-kontendenti (minbarra Alice Farrugia);

Ili fost il-beni li l-kontendenti għandhom in komun minn dan il-wirt hemm il-fond numru wieħed u għoxrin (21) (b'bieb ieħor tnejn u għoxrin (22)) Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji jew għandhom f'idejhom il-fond li jiġi adjaċenti għal fond ta' l-atturi u jikkonfina mal-fond ta' l-atturi min-naħa tan-nofsinhar;

Illi xi xhur ilu l-konvenuti qabdu u ċaqilqu l-qsami illi jifirdu l-imndar *(sic)* ta' dawn iż-żewġt fondi u poġġewhom aktar il-ġewwa fil-proprjeta' ta' l-atturi b'mod illi użurpaw porzjon sostanzjali minn l-art ossia mandra tal-fond proprjeta' ta' l-atturi;

Illi inoltre huma qabdu u għalqu xatba li mill-fond ta' l-atturi tagħti għal fuq il-bqija tal-madra b'mod illi mill-fond tagħhom l-atturi ma jistgħux jgħaddu għal ġo l-istess mandra tagħhom. Dan għamluh billi rabtu x-xatba min-naħa ta' wara b'mod illi din ix-xatba ma tkun tista tinfetaħ;

Illi minkejja ġew interpellati diversi drabi sabiex jerġgħu jpoġġu kollox għal l-istat pristinu tiegħu ma jkomplux jippossessaw part minn l-art ta' l-atturi u fl-istess waqt jerġgħu jipprovdulhom l-aċċess illi huma dejjem gawdew għal ġo l-sitess proprjeta' tagħhom billi jneħħu kull irbit jew xkiel ieħor illi huma għamlu mal-bieba msemmija; l-konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti;

Illi l-atturi qua sidien ta' l-art (mandra) u tad-drittijiet, imsemmija jridu jerġgħu jiġu fil-pussess tal-proprjeta' tagħhom u fil-pussess ta' dawk id-drittijiet kollha li minn dejjem kienu jgawdu.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom konvenuti użurpajtu parti minn l-art ossia mandra annessa mal-fond wieħed u għoxrin (21) (b'bieb ieħor markta tnejn u għoxrin (22)) Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex, meta għal dan l-iskop ċaqlaqtu l-qsami eżistenti u nkludejtu parti sostanzjali minn l-imsemmija mandra ta' l-atturi, ma l-art tagħkom, u okkupajtu l-istess;

2. Tiddikjara illi intom konvenuti kkostitwejtu molestja fid-drittijiet ta' l-atturi meta għalaqt xatba li mill-fond wieħed u għoxrin (21) (b'bieb

ieħor mmarkat tnejn u għoxrin (22)) Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex, tagħti għal fuq il-mandra tagħhom, b'mod illi waqqaftulho kull aċċess għal din l-art ossia mandra;

3. Tikkundannakom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilkom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, intom ma tibqgħux tokkupaw l-art ta' l-atturi, tiżgombraw minnha u tħalluha libera għad-dispożizzjoni ta' l-atturi u fl-istess waqt terġgħu tpoġġu l-qsami li jifirdu l-imnadar tal-fond wieħed u għoxrin (21) Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex, u l-mandra proprejta' tagħkom fl-istess post illi kienu qabel ma ġew imċaqalqa minnkom;

4. Tikkundannakom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilkom prefiss tneħħu kull irbit jew xiel ieħor li int għamilt ma l-imsemmija xatba biex din ma tkunx tista' tinfetaħ u tipprovdu l-aċċess li minn dejjem kellhom l-atturi għal l-art ossia mandra tagħhom fil-fond wieħed u għoxrin (21) (b'bieb ieħor markat tnejn u għoxrin (22)) Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex;

5. Tinnomina jekk hemm bżonn perit sabiex jissprvelja x-xogħolijiet u l-ordnijiet hekk mogħtija;

6. Fin-nuqqas illi intom konvenuti tonqsu minn li tobdu dawn l-ordnijiet jew tagħmlu dawk ix-xogħolijiet neċessarji, dawn isiru minn l-atturi a spejjeż tagħkom.

Bl-ispejjeż kollha inkluża VAT u nklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-1 ta' Lulju 2003, u l-1 ta' Settembru 2004 kif ukoll dawk ta' l-ittri uffiċċjali tal-14 ta' Awwissu 2003 u Settembru 2004. Bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament maħlufa minn Victoria Tabone.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. In-nullita' tal-istess ċitazzjoni peress illi Cristina Farrugia u Anthony Farrugia kienu presenti hawn f'Għawdex fil-ħmistax (15) ta' Diċembru 2004, meta ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni odjerna u għaldaqstant huma ma setgħux jaġixxu bis-saħħa ta' prokura li ġiet iffirmata fl-esteru u li lanqas ma hija valida skont il-liġi ta' pajjiżna għaliex għalkemm fl-istess prokura indikat li Christina Farrugia għamlet salib quddiem

żewġ xhieda, dawna ma ffirmawx il-prokura bħala xhieda tas-salib li għamlet Christina Farrugia;

2. Il-konfużjoni li hemm fiċ-ċitazzjoni bejn l-azzjoni rivendikatorja u l-azzjoni possessorja dwar il-manutenzjoni fil-pussess b'tali mod u manjiera li toħloq tfixkil serju dwar x'eċċezzjonijiet jistgħu jingħataw u għaldaqstant anki f'dan ir-rigward iċ-ċitazzjoni hija monka u bħala tali nulla (Ara: **Flavia Cassar et nomine vs Carmelo Muscat et nomine,** Ċitaz Nru. 99/1993) deċiża fit-30 ta' Novembru 2004 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri;

3. In-nullita' tal-istess azzjoni peress illi l-azzjoni li kienet tispetta lill-atturi m'hijiex dik odjerna u ċioe' l-azzjoni rivendikatorja u dana peress illi l-konvenut, Joseph Farrugia huwa kompropretarju bħal l-konvenuti l-oħra ħutu u għandu l-ius godenti. Għaldaqstant bħala kompropretarju huwa għandu kull dritt li jgawdi l-ħaġa in komuni basta huwa ma tellifx lill-kompropretarji l-oħra mit-tgawdija tal-ħaġa in komun, salvu naturalment l-użufrutt ġenerali li jispetta lil Cristina Farrugia;

4. Fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess m'huwiex minnu dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni li l-konvenuti b'xi mod użurpaw xi parti mill-art tal-atturi, kif ukoll lanqas m'huwa minnu ilil huma kkommettew xi molestja fil-pussess billi għalqu xi xatba li minnha allegatament l-istess atturi għandhom xi dritt li jgħaddu minnha għal mandra tagħhom;

Salvi eċċezzjonjiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Elizabeth Farrugia.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2005 fejn l-A.I.C. Joseph Mizzi ġie nominat bħala perit tekniku *"bl-inkariku specifiku li jhejji pjanta ta' l-ambjenti mertu ta' din il-kawża..."*[1]

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fl-23 ta' Jannar 2009 u maħlufa minnu fit-3 ta' April 2009.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

[1] Ara digriet a fol. 15 tal-process

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Novembru 2015 fejn ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawża presenti l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti qabdu u okkupawlhom parti mill-mandra annessa mal-fond tagħhom deskritt fiċ-Ċitazzjoni u għalqulhom kull aċċess għaliha billi mblukkaw bieb li mid-dar tagħhom kien jagħti għall-istess mandra. Għalhekk talbu li jerġgħu jingħataw lura din l-art u li jinfetaħ l-aċċess li kellhom għaliha.

L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ġew irtirati.[2] Fil-mertu l-konvenuti, li huma l-proprjetarji tal-fond adjaċenti, qed jgħidu li bħala komproprjetarji tal-fond li dwaru l-atturi qed jagħmlu din il-kawża, huma għandhom dritt jagħmlu użu minnu bħall-komprorprjetaji l-oħra, u fi kwalunkwe każ jiċħdu l-allegazzjonijiet tal-atturi.

L-atturi qed jeżerċitaw l-*actio rivendikatoria.* Dwar din l-azzjoni l-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

"*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria….L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis****….La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi' autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi*

[2] Ara verbal tal-udjenza tal-11 ta' Marzu 2005 a fol. 13 tal-process

*predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta **probatio diabolica**. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

1. *Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta',consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto….*

2. *Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

3. *Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luogħi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[3]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

*"…. L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li l-haga mhix tal-konvenut, imma jehtieg li juri pozittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Gie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-principji ammessi universalment mid-dottrina u l-gurisprudenza, bazata fuq ligijiet bhal tagħna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935,Kollez.Vol.XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-icken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-*

[3] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.

*sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun ezenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105;"*[4]

Hekk ukoll ingħad illi:

*"Rekwiziti għall-ezercizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-haga akkwistata legittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteggjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeccepixxi li hu għandu titolu fuq il-haga rivendikata aktar mill-attur, il-piz tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilhaqx din il-prova jissokombi fl-eccezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruhu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, izda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuccedi fl-eccezzjoni tiegħu".*[5]

Huwa evidenti għalhekk illi l-pussess fil-konvenut huwa element essenzjali għal kawża ta' rivendika. Irriżulta ampjament li fil-każ in eżami l-konvenuti qegħdin jokkupaw l-art kollha retrostanti l-fondi rispettivi tal-kontendenti. Kif jidher min-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti, dawn qed jibbażaw id-difiża tagħhom fuq il-pussess u allura, a bażi tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, jispetta qabel xejn li l-atturi jipprovaw it-titolu tagħhom.

L-atturi jikkontendu li d-dar bin-numri 21 u 22 fi Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex, ġiet għandhom b'wirt mingħand il-ġenituri tagħhom Francesco u Cristina konjuġi Farrugia. Din kienet id-dar residenzjali tal-ġenituri tagħhom u huma trabbew fiha sakemm emigraw l-Awstralja flimkien ma' ommhom, illum mejta. Il-konvenut Joseph Farrugia, wieħed mill-aħwa, ma sifirx magħhom u baqa' jirrisjedi f'dawn il-gżejjer. Għall-ewwel ommhom ippermettietlu jibqa' joqgħod fid-dar tagħhom sakemm dan wiret u xtara partijiet oħra mid-dar adjaċenti u mar joqgħod hemm. Imma peress li ma kien għad baqa' ħadd joqgħod fid-dar tal-ġenituri, ħa f'idejh il-mandra retrostanti l-post tagħhom u għaqqadha mal-mandra annessa mal-fond tiegħu biex illum spiċċat għalqa waħda, tant li l-imnadar annessi mal-fondi rispettivi ma jistgħux jingħarfu minn

---

[4] Appell Civili:Giuseppe Buhagiar v.GiuzeppiBorg:17.11.1958;Kollez.vol.XLII.pt.I.p.575

[5] Giuseppi Abela vs John Zammit:P.A.16.5.1963

xulxin, għax ma fadal ebda traċċi tal-qsami li kienu jifirduhom. Xejn m'hu verosimili dak li jallega l-konvenut li ma qatt ma kien hemm xejn x'jiddistingwi mandra minn oħra, lanqas qsami, ġialadarba dawn kien ilhom żmien twil jappartjenu lil sidien differenti. Il-bieb li mill-fond tal-konjuġi Farrugia kien jagħti għall-mandra annessa fuq wara, il-konvenut jgħid li mbarraħ min-naħa tiegħu[6] għax Mario Tabone, ir-raġel tal-attriċi Victoria Tabone, kien qed jidħollu fl-għalqa u jħarbatlu l-prodotti li jkollu fiha.[7]

Għalkemm il-konvenuti, bil-fatt li sew fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom, kif ukoll bid-Dikjarazzjoni tal-fatti magħha annessa, jsostnu li l-konvenut bħala komproprjetarju flimkien mal-atturi, għandu kull dritt jagħmel użu mill-proprjeta' komuni, jirrikonoxxu t-titolu tal-atturi fuq il-fond numri 21 u 22 Triq Wied Sara, Victoria, l-atturi ma qadux lura milli, xorta waħda, jipproduċu prova tat-titolu tagħhom fuq dan il-fond. Irriżulta li l-istess fond oriġinarjament kien ġie f'idejn in-nannu tal-atturi, Antonio Farrugia, fl-okkazzjoni taż-żwieġ tiegħu man-nanna tagħhom Victoria Axiak, permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni mingħand zijuh, fejn dan il-fond kien ġie deskritt bħala:

*"…un luogo di case con mandretta seco congiunta, posta nei limiti della Citta' Vittoria, nella Strada Wied Sara il numero ignoto, confinante da levante e ponente con beni di Francesco Farrugia, mezzodi' con beni di Salvatore Attard e da tramontana con Strada pubblica, con tutti e singoli suoi gius. diritti e pertinenze, soggetto in Scudi Maltesi due e tari sei per ragione di suo annuo canone perpetuo…"* [8]

L-istess fond kien imbagħad ġie mħolli b'titolu ta' prelegat lil missier l-atturi, Francesco Farrugia u ħuħ Michelangelo, b'testment tal-istess Antonio u Victoria konjuġi Farrugia, fejn ġie deskritt bħala:

*"il luogo di case con mandretta di circa un mondello e mezzo seco congiunta posto nei limiti di detta Citta' Vittoria in strada Wied Sara e segnato coi numeri venti otto e venti nove (num 28 e 29) soggetto all'annuo conone perpetuo di scellini quattro e pence due (4/2)…."* [9]

Francesco Farrugia mbagħad xtara sehem ħuħ minn dan il-fond permezz ta' kuntratt tal-20 ta' April 1960 fejn ġie hekk deskritt:

---

[6] Ara ritratti esebiti a fol. 90
[7] Ara xhieda tiegħu a fol.421
[8] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Onorato Giovanni Refalo tat-22.06.1887, a fol. 486 tal-process
[9] Ara kopja ta' dan it-testment in atti Nutar Giuseppe Grech tas-6.11.1935, a fol.69 tal-process

*"…lok ta' djar, b'mandretta kongiunta miegħu tal-kapacita' superficjali ta' circa siegħ, li jinsab fil-kuntrada 'ta' Wied Sara', fil-limiti tal Belt Vittoria, Gozo, markat bin-numeri wiehed u għoxrin u tnejn u għoxrin, li imiss lvant mal-beni tal-werrieta ta Giuseppe Axiak, it-tramunata mat-triq u il punent mal beni ta' Michel'Angelo Gech, suggett l-intier lok ta' djar bil-mandretta kongiunta għac-cens annwu u perpetwu ta' erba xelini u zewg soldi."* [10]

Dan il-fond imbagħad wirtuh ulied l-istess Francesco Farrugia, inkluż il-konvenut Joseph Farrugia, bis-saħħa tat-testment *unica carta* tal-konjuġi Farrugia, ġenituri tal-atturi odjerni u l-istess konvenut, tat-22 ta' Lulju 1978.[11] Fid-denunzja tas-suċċessjoni in segwitu għall-mewt ta' Francesco Farrugia, l-armla tiegħu ddeskriviet dan il-fond bħala li jikkonsisti:

*"…f'entrata, 3 kmamar isfel u maqjel, u 3 kmamar fuq…Mal-post hemm ukoll xi siegħ raba li mhux tajjeb għall-bini."* [12]

Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti jikkontendu illi l-ebda wieħed mid-dokumenti esebiti mill-atturi ma jindika titolu oriġinali. Jgħidu wkoll li ma ġiet esebita ebda prova li kienet saret immissjoni fil-pussess fir-rigward tal-legat imħolli lil Francesco Farrugia u ħuħ Michelangelo. Imma wara dan iż-żmien kollu li l-fond ilu fil-pussess tal-familja Farrugia mingħajr ma qatt ġew disturbati fil-pussess tiegħu sakemm il-konvenuti ma akkapparawx parti mill-mandra annessa miegħu, żgur li ma jibqa' ebda dubbju dwar it-titolu tal-atturi. Wara kollox, kif ġia ntqal hawn fuq, il-konvenut stess jinsisti li huwa komproprjetarju flimkien ma' ħutu ta' dan l-istess fond, bħala werriet ta' missieru,[13] u żgur għalhekk li jkun qed jikkontradiċi lilu nnifsu jekk jikkontesta dan it-titolu.

Ġie ampjament stabilit li l-fond illum bin-numri 21 u 22 fi Triq Wied Sara, Victoria, għandu mandra annessa miegħu. Li baqa' biex jiġi determinat huwa l-kapaċita' ta' din il-mandra u l-posizzjoni tagħha, in vista tal-fatt li ma baqa' xejn x'jindika fejn kienu l-qsami li jiddelimitaw din il-mandra minn dik adjaċenti, llum formanti parti mill-fond tal-konvenuti, billi dawn kienu ġew imneħħija mill-konvenut. Il-perit tekniku stabilixxa l-kobor taż-żewġ imnadar flimkien bil-kejl ta' mitejn erba' u disgħin punt deċimali ħamsa tnejn metri kwadri (294.52m.k.),

[10] Ara kopja ta'dan il-kuntratt, in atti Nutar Giusepe Grech, a fol.81 tal-process. In-numri tal-bibein inbidlu diversi drabi matur iz-zmien, kif jirrizulta mill-kopji ta' estratti mill-Gazzettta tal-Gvern, esebiti mill-atturi bhala Dokti.KM6 sa KM9 a fol.439 – 442 tal-process

[11] Ara kopja ta'dan it-testment in atti Nutar Dr. E.G.Cefai, a fol. 65 - 66 tal-process

[12] Ara kopja ta' din id-denunzja tat-23.10.1978 a fol. 88 tal-process

[13] Ara Nota tal-Eeccezzjonijiet tiegħu u Dikjarazzjoni guramentata annessa, kif ukoll l-affidavit tiegħu a fol. 312 tal-process

inkluża parti ta' 5.52m.k. miksija bis-siment fil-fond tal-konvenuti.[14] Għalkemm fit-testment tan-nanniet tal-atturi jingħad li l-mandra annessa mal-fond imħolli bi prelegat lil Francesco Farrugia u ħuħ Michelangelo kellha kapaċita' ta' siegħ u nofs, l-atturi jidhru ppreparati jaċċettaw li din attwalment tkejjel biss siegħ (187.6m.k.), kif wara kollox dejjen ġie dikjarat fid-dokumenti kollha sussegwenti relatati ma' dan il-fond, kif rajna hawn fuq.[15] Minn naħa l-oħra jirriżulta mill-kuntratt ta' diviżjoni esebit mill-konvenuti u li minnu jgħidu li oriġina t-titolu tagħhom fuq il-fond adjaċenti, llum bin-numru 20, Triq Wied Sara, li dan il-fond kien ġie assenjat lil ċerta Maria Axiak, li messa l-ħames porzjon konsistenti f'

" *…un luogo di case, con giardinetta seco congiunta, sito in strada Wied Sara della Citta' Vittoria al numero ventisette, consistente in una entrata, cortile, cisterne, due bovili, sottoscala, scala aperta, verone, cucina nel verone, ….e* ***giardinetta della capacita' di misure sette****…*" [16]

Ta' min jinnota li l-pjan ta' diviżjoni għall-fini ta' dan il-kuntratt kien ġie redatt mill-*perito agrimensore* Michele Cassar,[17] u f'deskrizzjoni daqstant dettaljata ta' kull fond li kien hemm għall-qasma, wieħed għandu jifhem li l-kejl li ngħata ta' *sette misure*, li jġibu 131.32 metri kwadri, kien preċiż kemm jista' jkun ukoll. Għalhekk, ġialadarba l-perit tekniku nominat f'din il-kawża sab li l-kejl komplessiv taż-żewġ imnadar huwa ta' 294.52 metri kwadri, jiġi inevitabilment li l-mandra tal-fond numri 21, 22, Triq Wied Sara, għandha tkejjel: 294.52 – 131.32 = **163.2m.k.,** u mhux 187.6m.k. kemm jippretendu l-atturi**.** Id-dokumenti l-oħra riferibbli għall-fond tal-konvenuti, u li jġibu dati sussegwenti għal din id-diviżjoni, ma jagħtux kejl tal-mandra annessa mal-fond tagħhom. Il-kuntratt ta' akkwist ta' sehem minn dan il-fond mingħand Elizabeth Farrugia, jirreferi biss għall-"*gardina annessa miegħu*",[18] filwaqt illi l-kuntratt ta' akkwist ta' sehem ieħor mil-istess fond mingħand Michelangelo Axiak jirreferi għall-mandra bħala "*a small garden*" biss.[19]

L-aċċess għall-mandra tal-fond bin-numri 21, 22, Triq Wied Sara, kien mill-bieb li ġie mblukkat mill-konvenut. L-attriċi Victoria Tabone tgħid li l-ħajt li jifred iż-żewġ imnadar kien x'imkien bejn il-punti 'X' u 'Y' minnha immarkati fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku.[20] L-attur

[14] Ara relazzjoni tal-A.I.C. Joseph Mizzi a fol. 104 -105 u pjanta anenssa a fol.106 tal-processs
[15] Ara wkoll Nota tal-Osservazzjonijiet tal-atturi
[16] Ara kopja tal-kuntatt, in atti Nutar Giovanni Xuereb tas-27.01.1893, a fol. 343 -344 tal-process; u kopja tal-insinwa relattiva a fol. 212
[17] Ara firma tiegħu a fol. 347 tal-process
[18] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Dr.Enzo Dimech tat-22.08.1992
[19] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Dr. Enzo Dimech tal-5.02.1996
[20] Ara pjanta a fol. 106, u xhieda tagħha a fol.171

Anton Farrugia spjega li l-mandra tagħhom kienet dejqa fejn il-bieb, u titwessa n-naħa tas-sies; infatti jiddeskriviha *'qisha imrewha'*. [21] Il-konvenut imbagħad jammetti li s-siġra taż-żebbuġ kienet f'din il-mandra.[22] Jirriżulta għalhekk illi l-linja diviżorja bejn iż-żewġ imnadar għandha titlaq minn fejn il-ġenb tal-bieb presentement imblukkat, sa x'imkien bejn il-punti 'X' u 'Y' immarkati fuq il-pjanta peritali, b'tali mod li s-siġra taż-żebbuġ tkun inkluża fil-mandra ta' mal-fond numri 21, 22, Triq Wied Sara, u li din il-mandra tkun tkejjel 163.2m.k. M'hemm l-ebda raġuni għaliex il-bieb imsemmi għandu jibqa' imblukkat, ġialadarba l-konvenut jammetti li l-aċċess għall-mandra annessa mal-istess fond huwa minn dan il-bieb.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti użurpaw parti mill-art ossia mandra annessa mal-fond wieħed u għoxrin (21) b'bieb ieħor markat tnejn u għoxrin (22), Triq Wied Sara, Victoria, Għawdex meta għal dan l-iskop ċaqalqu l-qsami eżistenti u nkludew parti sostanzajli mill-imsemija mandra mal-art tagħhom u okkupawha;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenuti ikkawżaw molestja fid-drittijiet tal-atturi meta għalqu xatba li mill-istess fond tagħti għal fuq il-mandra msemmija, b'mod illi waqqfu kull aċċess tal-atturi għal din il-mandra;

3. Tilqa' biss in parti t-tielet talba, għax ma tistax iżżomm lill-konvenut, bhala komproprjetarju, milli jibqa' jokkupa din il-mandra; u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex żmien xahrejn jerġgħu jpoġġu l-qsami minnhom imneħħija fuq il-linja diviżorja li tiġi ndikata lilhom mill-perit tekniku imsemmi hawn taħt;

4. Tilqa' r-raba talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fl-istess żmien ineħħu kull irbit jew xkiel ieħor li għamlu mal-bieb ossia xatba imsmemija biex din ma tkunx tista' tinfetaħ, u jipprovdu l-aċċess li minnn dejjem kellhom l-atturi għall-art ossia mandra tagħhom fl-istess fond;

5. Tinnomina lill-AIC Claude Mallia sabiex, a spejjeż tal-konvenuti, jindika fuq il-post il-linja diviżorja bejn l-imnadar rispettivi, bil-mod imfisser fil-korp tas-sentenza; u

[21] Ara xhieda tiegħu a fol.256 - 292
[22] Ara xhieda tiegħu a fol. 418

6. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi jagħmlu huma x-xogħolijiet imsemmija, a spejjeż tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż ikunu ssoportati kwantu għal kwinta parti (1/5) mill-atturi, u l-bqija mill-konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur